ŻEBBUĠ

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ**
**Triq il-Knisja – Iż-Żebbuġ**
**Nri. tat-tel.: 21563056/27563056**
**E-mail: zebbug.gozo.lc@gov.mt**

# AVVIŻI MILL-KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ

## *SKIPS ON WHEELS* – TRIQ IŻ-ŻEBBUĠ

Il-Kunsill Lokali javża li **mit-Tnejn 28 ta' Lulju 2014**, is-sit ta' Triq iż-Żebbuġ fejn għandu l-i*skips on wheels* ser jingħalaq kompletament. Il-Kunsill kien kostrett li jagħlaq is-sit għax minkejja d-diversi avviżi ta' twissija, dawn l-i*skips* kontinwament kienu qed jintużaw b' mod abbużiv.

Infakkru li sakemm jinħareġ avviż ieħor mill-Kunsill, l-iskart domestiku mħallat boroż suwed jinġabar kuljum mit-Tnejn sas-Sibt. It-trakk jibda jiġbor fit-8.00 ta' filgħodu. Skart riċiklabbli boroż griżi (plastik, karti u metall) jinġabar nhar ta' Tlieta fid-9.30 ta' filgħodu miż-Żebbuġ.

Nixtiequ nfakkru wkoll li l-Kunsill jipprovdi servizz ta' ġbir ta' skart goff b' xejn lir-residenti tiegħu. Dawk ir-residenti li jkunu jixtiequ jużaw dan is-servizz, għandhom iċemplu l-Kunsill biex isiru l-arranġamenti biex dan l-iskart jinġabar.

## KOMMEMORAZZJONI TAL-KUNTISTABBLI SANTO CASSAR

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ flimkien mal-Korp tal-Pulizija se jkunu qed ifakkru l-mitt sena mill-mewt tal-Kuntistabbli 201 Santo Cassar li ġrat nhar it-2 ta' Awwissu 1914 wara li ġew sparati u ntlaqat b' tiri ta' arma tan-nar fi Pjazza l-Assunta, Iż-Żebbuġ. Biex ikun imfakkar dan l-anniversarju, il-Kunsill flimkien mal-Korp ser itellgħu ċerimonja ta' tifkira nhar **is-Sibt 2 ta' Awwissu 2014 fit-7.45 ta' filgħaxija fi Pjazza l-Assunta**. Nistiednu lir-residenti taż-Żebbuġ biex jattendu għal din iċ-ċerimonja ta' tifkira.

## FESTA TAS-SALVATUR ĦAL-LIJA

Nhar it-Tlieta 5 ta' Awwissu 2014, il-Kunsill Lokali ser jorganizza ġita għal Malta għall-festa tas-Salvatur ġewwa Ħal-Lija. Ser nitilqu minn Pjazza l-Assunta fl-4.30 ta' filgħaxija. Dawk li jixtiequ jiġu magħna, għandhom jibbukkjaw fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sal-Ġimgħa l-1 ta' Awwissu 2014.

## AVVIŻ MILL-KUNSILL LOKALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ ŻEBBUĠ
## SUMMER FUN RUN FIZ- ŻEBBUĠ

Nhar il-Ħamis 31 ta' Lulju, il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Iż-Żebbug se jorganizza ġirja – jew għal min irid jeħodha b'mixja - biex jiġbor fondi għal *Puttino Cares*. Il-Fun Run titlaq minn Pjazza l-Assunta fis-6.30 ta' filgħodu, tinżel minn Wied l-Infern u tispiċċa x-Xwejni fejn hemmhekk nieklu *healthy breakfast* u jkun hemm trasport lura b'xejn lura lejn iż-Żebbuġ. Din il-ġirja/mixja hi intenzjonata mhux biss għaż-żgħażagħ imma hija miftuħa għal nies ta' kull eta'. Kulhadd jista jagħti donazzjoni kemm irid. Ejjew ha nieħdu gost, ngħinu lil min hu fil-bżonn u anke nagħmlu eżerċizzju tajjeb għal saħħitna. Narawkom!

**23 ta' Lulju 2014** **Nru. 12/2014**